**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 7 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 876/01 AE**

**Kerstin Spiteri a nom u in rapprezentanza ta' EAN Malta**

**vs**

**Nicholsons The Supermarkets Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200), liema ammont huwa dovut bhala mizata annwali ghal shubijha f'EAN Malta ghas-sena 2001.

Semgha lill-avukat Dr. Antonio Tufigno jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum is-somma mitluba ghadha kollha dovuta.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm notifikata bl-avviz tat-talba baqghet ma pprezentax risposta u lanqas ma dehret fis-seduti tat-2 ta' Novembru 2001 u tal-lum.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Awissu 2001.

L-ispejjez (skond l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**